# Il-Parteċipazzjoni tal-Istudenti Waqt il-Lezzjoni

**minn Leonard Grech**

(Dan l-artiklu deher għall-ewwel darba fir-*Resources* ta' April 2010.)

L-implimentazzjoni tal-Assessjar għat-Tagħlim bilfors iġġib magħha l-involviment sħiħ tal-istudenti waqt il-lezzjonijiet. Dan l-involviment għandu jkun, biex ngħidu hekk, obbligatorju. Ma jistax ikollna tfal *radiator children*, kif isejħilhom Guy Claxton. Dawn ikunu fil-klassi għan-numru biss, qishom tfal inviżibbli, ma jiħdux sehem fil-lezzjonijiet u kollox jibqa' għaddej bħallikieku xejn. Qegħdin hemm, kif ngħidu bil-Malti, biex isaħħnu l-bank. Dylan Wiliam jisħaq ħafna fuq li dan m'għandux ikun. Tajjeb li wieħed jaqra d-diskors li kien għamel fil-15 ta' Settembru 2006 waqt il-*Cambridge Assessment Network Conference*, fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, fl-Università ta' Cambridge. F'dak id-diskors huwa kien għamel suġġerimenti prattiċi ħafna kif l-għalliem jista' verament jinvolvi lit-tfal. Dawn ta' hawn taħt huma ispirati minn dak id-diskors.

1. Ipprepara mistoqsija li tkun *multiple choice* u li jkollha, ngħidu aħna, ħames *options* li jkunu mmarkati mill-wieħed sal-ħamsa. Agħti ftit ħin biex l-istudenti jaħsbu u mbagħad staqsihom liema fil-fehma tagħhom hija t-tajba. It-tfal jgħollu idhom u jiftħu swaba' skont liema tweġiba huma jaħsbu li hija korretta. Jekk it-tweġiba ta' kulħadd tkun tajba, allura kompli b'li jkun imiss. Jekk ikollok varjazzjoni ta' tweġibiet, agħti ftit ħin lill-istudenti biex jiddiskutu bejniethom. Naturalment fl-aħħar tgħid liema hi t-tweġiba t-tajba u għaliex.
Wieħed malajr jifhem il-vantaġġ ta' dan il-metodu. Qed tinvolvi lill-istudenti kollha f'daqqa u b'ħarsa waħda tkun taf kif huma jaħsbuha.

2. Immarka l-irkejjen tal-klassi bl-ittri A, B, Ċ, D jew bl-Ingliż A, B, C u D. L-istudenti jkollhom *flash cards* immarkati bl-istess ittri (stampa [1]).




stampa [1]

Ipprepara mistoqsija *multiple choice* li jkollha erba' *options*, immarkati mill-A sad-D. L-istudenti jgħollu l-*flash card* bl-ittra skont it-tweġiba li jridu jagħtu. Dawk li jagħżlu A jmorru f'rokna A u nibqgħu sejrin hekk. Għid lil kull grupp jiddiskuti għaliex jaħseb li l-oħrajn ma għandhomx raġun. Fl-aħħar isma' l-argumenti li jġibu l-istudenti.
Mhux bilfors li dejjem tkun *multiple choice*. Ara l-eżempju li huwa magħmul għaż-żgħar (stampa [2]).




stampa [2]

Hawn wieħed jista' jgħid li mistoqsija mhux bilfors għandu dejjem ikollha tweġiba waħda biss tajba. Ara dan l-eżempju li huwa intenzjonat li joħloq diskussjoni fost it-tfal.

**Suddenly it started raining.** **In which season is the story happening?**

- **(a) Spring**
- **(b) Summer**
- **(c) Autumn**
- **(d) Winter**

Hawn, naturalment, wieħed jista' jintroduċi l-kelma 'probabiltà', l-aktar meta tqis iċ-ċirkostanzi tat-temp f'Malta.

3. Għid lill-istudenti li l-ġimgħa d-dieħla se tagħtihom test fuq dak li għamiltu matul l-aħħar xahar f'suġġett partikolari. Ifred lill-istudenti fi gruppi u itlob lil kull grupp jissuġġerixxi mistoqsija li tista' tingħata fit-test. Għidilhom li l-mistoqsija trid tkun waħda li titlob tweġiba ta' paragrafu. Wara dan itlobhom ilestu punti li wieħed għandu jsemmi biex iwieġeb tajjeb il-mistoqsija tagħhom. Sadattant l-għalliema ddur mat-tfal u tagħti l-pariri tagħha.
Għid lill-istudenti li fit-test il-mistoqsija tista' toħroġ ftit differenti minn kif issuġġerewha huma. Dan inaqqas iċ-ċans li jistudjaw it-tweġiba bl-amment.

Din l-attività tgħin ħafna lill-istudenti għax iħossuhom qishom għalliema. Finalment agħti t-test u inkludi, b'xi differenzi, il-mistoqsijiet ippreparati mill-istudenti.

4. Qabbad lill-istudenti jagħmlu kartuna, ngħidu aħna ta' tnax-il ċentimetru bi ħmistax. Fuq naħa jiżbgħuha ħamra u fuq in-naħa l-oħra ħadra (stampa [3]).



stampa [3]

Hawn qed nużaw kuluri tat-traffiku li żgur it-tfal jafu x'ifissru. Meta tibda l-lezzjoni t-tfal se jkollhom il-kartuna turi l-aħdar. Malli student jibda ma jifhimx huwa jaqleb il-kartuna biex turi l-aħmar, jiġifieri **ieqaf**. Hawn l-għalliema tista' taġixxi b'modi varji. Tista', ngħidu aħna, terġa' pass lura u tispjega mill-ġdid b'mod differenti. Tista' wkoll tistaqsi lil xi ħadd li baqa' juri l-kulur aħdar biex jispjega x'fehem s'issa. Drabi oħra jistgħu joħorġu minn posthom żewġ studenti li baqgħu bl-aħdar u jwieġbu d-diffikultajiet ta' dawk li qed juru kulur aħmar. Dan il-metodu, flimkien ma' metodi oħra bħall-mistoqsijiet fil-klassi, ipoġġi lill-għalliem f'qagħda li jkun jaf mill-ewwel jekk it-tfal humiex miegħu jew le.

5. Il-kuluri tat-traffiku għandhom użu ieħor siewi ħafna fil-klassi. Did-darba se jidħol ukoll il-kulur oranġjo (stampa [4]).



stampa [4]

Qabbad lill-istudenti jirrevedu xi *unit* li tkun lestejt magħhom. Probabbli li jkollhom xogħol fuq il-*unit* fuq xi pitazz jew fajl. Għidilhom biex fejn huma jifhmu jimmarkaw bl-aħdar, jiġifieri m'hemmx problemi u tista' tibqa' għaddej. Fejn hemm ftit tad-diffikultà jimmarkaw bl-oranġjo, jiġifieri hemm bżonn ta' ftit spjegazzjoni. Fejn id-diffikultajiet huma akbar allura jimmarkaw bl-aħmar. Minnu nnifsu dan l-eżerċizzju huwa diġà ta' ġid kbir għax qed ipoġġi r-responsabbiltà fuq l-istudenti stess biex jiddeċiedu x'jafu u fejn huma għandhom bżonn l-għajnuna.
Din l-attività twassal għall-*peer tutoring* fejn l-istudenti jgħinu lil xulxin fil-problemi li għandhom. "Jien naf xi ħaġa li inti ma tafhiex u għalhekk ngħinek fiha. Inti, min-naħa l-oħra, tgħin lili f'xi ħaġa li jiena ma nafx. B'dan il-mod inkunu qed insaħħu dak li nafu u nitgħallmu dak li ma nafux."

6. Jgħin ħafna wkoll jekk nagħmlu użu mill-*pre-flight checklist*, jiġifieri l-iċċekkjar li jsir qabel itir l-ajruplan. Jagħmel ħafna ġid jekk indarru lit-tfal jagħmlu *checklist*. Fil-bidu tista' tinkludi affarijiet li mhumiex daqshekk importanti, ngħidu aħna li jiktbu d-data. L-importanti hu li jidraw x'inhi *checklist*, jidraw anke l-format tagħha. It-tieni pass ikun li ndarruhom jużawha.




stampa [5]

Stampa [5] hija eżempju ta' *checklist* sempliċi. Wieħed għandu jżid, inaqqas jew ibiddel skont il-livell tal-istudenti tiegħu.
Ara li l-lista tista' tkun iċċekkjata fil-prattika. Għalhekk ngħidulha *checklist*. Ma għandekx tniżżel, ngħidu aħna, 'Nikteb sentenzi sbieħ.' Trid tkun xi ħaġa aktar konkreta.
Iċ-*checklist* nistgħu nużawha bil-mod li ġej wara li tkun tajt xi biċċa xogħol lill-istudenti u li għaliha tkun saret *checklist* apposta. Qabbad lill-istudenti jaħdmu tnejn tnejn, Tania tiċċekkja x-xogħol ta' Anna u Anna tiċċekkja x-xogħol ta' Tania. Jekk kollox huwa sew, l-istudenti jiffirmaw iċ-*checklist* ta' xulxin. Dan ikun ifisser li l-pitazz huwa lest biex imur għand l-għalliema. Jekk, ngħidu aħna,

Tania ssib xi ħaġa li Anna ma għamlithiex, allura tgħidilha biex tagħmilha. Imbagħad tiffirmalha ċ-*checklist*.
Din l-attività twassal biex l-istudenti jħossuhom responsabbli mit-tagħlim ta' xulxin, jidraw jgħinu lil xulxin u fl-aħħar nett jidraw jiċċekkjaw ix-xogħol tagħhom infushom. Ikunu waslu għal dak li tant nixtiequ, jiġifieri *self-assessment.*

7. Mod ieħor kif nistgħu ninvolvu lill-istudenti huwa fil-mod kif nagħżlu min għandu jwieġeb il-mistoqsijiet fil-klassi. Wieħed jista' jagħmel użu minn metodi differenti. Ejja ngħidu li l-mistoqsija tkun titlob tweġiba sempliċi ta' kelma jew tnejn. Kull studenta jkollha *whiteboard* żgħir u fuqu tniżżel it-tweġiba. L-istudenti jgħollu l-*whiteboards* u hekk l-għalliema jkollha *feedback* mingħand l-istudenti kollha f'daqqa.
Mod ieħor li jista' jintuża huwa dan. Għid lill-istudenti jiktbu isimhom fuq *lollipop sticks* jew fuq strixxi dojoq ta' kartonċina (stampa [6]).



stampa [6]

Poġġi l-ismijiet f'borża u tella' bix-xorti. Fost l-ismijiet wieħed jista' jinkludi strixxa li tgħid *2 Pupils*. Jekk titla' din, allura l-għalliema ttella' l-ismijiet ta' żewġ studenti biex huma jwieġbu għad-domanda.
Hawn wieħed jistaqsi: Il-mistoqsija għandna nagħmluha qabel jew wara li ntellgħu l-isem? Wieħed jirrealizza li jekk l-għalliema ttella' l-isem qabel, hija tkun f'qagħda li tadatta l-mistoqsija għall-istudent li jitla' ismu. Min-naħa l-oħra jekk ittella' l-isem qabel tagħmel il-mistoqsija, tista' titlef l-attenzjoni ta' xi studenti. Naħseb li l-aħjar ħaġa tkun li daqqa tuża metodu u daqqa tuża metodu ieħor.

**Konklużjoni**
Wieħed għandu jżomm f'moħħu li kull metodu jaħdem f'xi ċirkustanza jew oħra, imma m'hemmx garanzija li metodu se jkun effettiv f'kull ċirkustanza. Għalhekk l-għalliema għandhom jaraw liema hu l-aħjar metodu f'ċirkostanza partikolari. Fuq kollox dejjem jiftakru li l-parteċipazzjoni tal-istudenti waqt il-lezzjonijiet tkabbar iċ-ċans li jiżdied it-tagħlim u li l-proċess ikun aktar

pjaċevoli għalihom. Tajjeb ukoll li wieħed jaħseb bis-serjetà kif juża l-ICT biex dejjem ikabbar is-sehem attiv tal-istudenti fil-klassi.